

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li

- ir-regolament ikkontestat ma huwiex immotivat b'mod adegwat, bi ksur tal-Artikolu 296 TFUE.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Lulju 2011 — Diadikasia Symbouloi Epicheiriseon vs Il-Kummissjoni et.

(Kawża T-369/11)

(2011/C 282/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Diadikasia Symbouloi Epicheiriseon AE (Chalandri, il-Greċja) (rappreżentant: A. Krystallidis, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea; Id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fit-Turkija (Ankara, it-Turkija); u Central Finance & Contracts Unit (CFCU) (Ankara)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tordna l-kumpens għad-danni subiti mir-rikorrenti minħabba d-deċiżjoni allegatament illeċita ta' wieħed mill-konvenuti (Delegazzjoni tal-UE fit-Turkija) tal-5 ta' April 2011 (u kull deċiżjoni sussegwenti), li tikkanċella l-għoti tal-kuntratt "Enlargement of the European Turkish Business Centers Network to Sivas, Antakya, Batman and Van — Europe Aid/128621/D/SER/TR" lill-Konsorzju ⁽¹⁾ minħabba allegata "dikjarazzjoni falza";

- tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq

- il-fatt li l-konvenuti ppreġudikaw l-aspettattivi leġittimi tagħha, bi ksur tal-Artikolu 10 tal-Kodiċi Ewropew ta' Prattika Amministrattiva Tajba, billi kkanċellaw b'mod mhux mistenni d-deċiżjoni li l-proġett inkwistjoni jingħata lill-Konsorzju fuq il-bażi ta' allegata 'dikjarazzjoni falza';

(2) It-tieni motiv, ibbażat fuq

- il-fatt li l-konvenuti kisru l-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ewropew ta' Prattika Amministrattiva Tajba, billi akkużaw lir-rikorrenti li għamlet dikjarazzjoni falza, mingħajr ma identifikkaw minn qabel id-dokumenti ppreżentati bħala ffalsifikati;

(3) It-tielet motiv, ibbażat fuq

- il-fatt li l-konvenuti kisru d-dritt għal smiġh xieraq tar-rikorrenti billi ma nformawhiex bl-intenzjoni tagħhom li jikkanċellaw l-għoti tal-kuntratt, bi ksur tal-Artikolu 16 tal-Kodiċi Ewropew ta' Prattika Amministrattiva Tajba;

(4) Ir-raba' motiv, ibbażat fuq

- il-fatt li l-konvenuti naqsu milli jipprovdu motivazzjoni fir-rigward ta' liema dokumenti ġew allegatament iffalsifikati mir-rikorrenti, bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Ewropew ta' Prattika Amministrattiva Tajba;

(5) Il-ħames motiv, ibbażat fuq

- il-fatt li l-konvenuti naqsu milli jinformat lir-rikorrenti bl-azzjonijiet disponibbli sabiex din tikkontesta d-deċiżjoni meħuda kontrihha, bi ksur tal-Artikoli 11 u 19 tal-Kodiċi Ewropew ta' Prattika Amministrattiva Tajba;

(6) Is-sitt motiv, ibbażat fuq

- il-fatt li l-konvenuti abbużaw mis-setgħa diskrezzjonali tagħhom sabiex jiddeċiedu fuq il-fatti ppreżentati quddiemhom u għaldaqstant qabżu l-limiti tas-setgħat tagħhom peress li r-raġunijiet imressqa mill-awtorità kontraenti setgħu jiġu applikati biss sabiex tiġi skwalifikata offerta waqt is-sejħa għal offerti, minħabba nuqqas ta' konformità mal-kriterji ta' evalwazzjoni, u mhux wara li l-kuntratt ikun effettivament ingħata.

⁽¹⁾ "DIADIKASIA BUSINESS CONSULTANTS S.A. (GR) — WYG INTERNATIONAL LTD (UK) — DELEEUW INTERNATIONAL LTD (TR) — CYBERPARK (TR)"

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2011 — Palirria Souliotis vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-380/11)

(2011/C 282/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Anonymi Viotechniki kai Emporiki Etairia Kataskevis Konservon — Palirria Souliotis AE (Psacha, il-Greċja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2011, tas-6 ta' Mejju 2011, dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 122, p. 63); u

- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

- (1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni kisret rekwiżit proċedurali essenzjali peress li naqset li tikkonsulta b'mod xieraq lill-Kumitat tan-Nomenklatura. Barra minn hekk, il-Kummissjoni naqset milli tindirizza l-opinjoni mressqa mir-rikorrenti.